**Minuti tal-Laqgħa nru 57 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru 2011 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.05 p.m. | 10.00 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.35 p.m. | 8.40 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.15 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.00 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.25 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.20 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.20 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.20 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.15 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | assenti | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.25 p.m. | 10.00 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Diskussjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

1.01 Il-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-lokalita' li saret nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru 2011 ġew approvati kif ippreżentati. Saru xi korrezzjonijiet dwar il-minuti u dawn huma:

Dwar punt 3.05: Il-Viċi Sindku qalet li fil-minuti għandu jingħad: "Is-Sindku instema' jgħid u jsemmi kliem ta' pulizija', jista' jagħmillu libell' u ssemma l-isem tal-kunsillier Pawlu Agius li ma kienx preżenti fis-Sala". Il-kumplament ta' dan il-punt m'għandux jitniżżel fil-minuti għajr l-aħħar sentenza li għandha taqra: "Is-Segretarju talab lis-Sindku biex ma jkomplix isemmi kliem bħal dan".

Hawn il-Kunsillier Agius għamel intervent fejn talab lis-Segretarju jitlob lill-Avukat tal-Kunsill biex jiġbor ir-rapport mingħand il-pulizija dwar x'kien irriżulta mill-inkjesta.

Dwar punt 4.01: Il-Kunsillier Shirley Farrugia qalet li dan il-punt għandu jinqata' mill-minuti.

Dwar punt 4.06 il-Perit Chris Grech qal li għandha titħalla barra s-sentenza "Bħala perit inkarigat qed jaħdem għal rotta differenti tat-traffiku" u dan peress li din is-sentenza ma kienetx intqalgħet mill-Perit Chris Grech . Hu kien qal li t-traffiku għandu jidħol minn Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Il-Perit qal li wara li t-traffiku jidħol lejn il-Mosta minn Triq il-Kostituzzjoni dan għandu jdur għal Triq il-Kbira.

Il-Perit kompla li dwar is-600,000 ewro li għandna fis-CPPS kieku dawn il-flus jistgħu jintużaw għat-tarmak flok għall-parking b'hekk ikunu jistgħu isiru ħafna toroq.

Dwar punt 5.06 fejn issemma li dak inhar stess tal-Laqgħa tal-Komunita' kien ġie container ieħor fl-area tal-ground, il-kunsillier il-perit Grech qal li dan il-container kellu jitneħħa l-għada.

**2.00 Azzjoni dwar l-ilmenti u suġġerimenti imressqa mill-pubbliku fil-laqgħa tal-lokalita'**

Is-Sur Charles Dimech u s-sur Charles Magro residenti fi Triq l-Isperanza tkellmu dwar il-bollards li tneħħew minn din it-triq . Il-Kunsill ġab tliet *quotations* biex dawn il-bollards jistgħu isiru mill-ġdid b'mod mekkanizzat bis-sistema ta' *remote control.*

Saret diskussjoni dwar it-tneħħija ta' bollards minn toroq oħra bħal Triq il-Parroċċa (2 bollards); parti minn Triq il-Lunzjata (bollard waħda) u Triq Kurat Calleja (bollard waħda). F'każ li wieħed jiddeċiedi biex jinxtraw u jitwaħħlu il-bollards mekkanizzati wieħed irid jieħu fil-konsiderazzjoni l-bollards kollha li tneħħew mit-toroq.

Hawn is-Sur Joe De Martino ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lir-residenti biex qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi r-residenti jkunu ġew ikkunsultati.

Dwar it-tpoġġija ta' tliet containers fin-naħat tal-Grawnd tal-Lgħajba:

Kellha ssir Laqgħa l-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2011 fit-3.30 bejn l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija, il-Mosta FC u l-Kunsill Lokali. Peress li kien hemm xi diffikulta fl-aħħar ħinijiet din il-laqgħa tħassret u ġiet posposta għal ġurnata oħra. F'din il-laqgħa preliminari huwa previst li jiġu diskussa l-problemi kollha li jistgħu qed jiffaċċjaw ir-residenti kollha tal-Grawnd tal-Lgħajba.

**3.00 Approvazzjoni tal-Minuti (Tlieta 30 ta' Awwissu 2011)**

3.01 Il-minuti tal-laqgħa tat-Tlieta 30 ta' Awwissu ġew approvati kif moqrija għajr dawn il-korrezzjonijiet:

Dwar item 4.10: Wara l-aħħar sentenza l-Perit Chris Grech semma' li għandha tiżdied is-sentenza: " Ma kienx sar il-pagament ta' dawn it-tliet toroq: Triq il-Merill,Triq il-Waqqafa u Triq il-Bufula l-Ħamra . Għaldaqstant dan il-pagament għandu jiżdied mal-lista ta' pagamenti tax-xogħol u *resurfacing* li kien sar bil-hot asphalt".

Kienet waslet informazzjoni lis-segretarju biex qabel iħallas jivverifika jekk il-ħlas kienx ġa sar peress li seta kien il-każ li ġa kien sar il-pagament . Fil-fatt is-segretarju minn stħarriġ li għamel sab li ġa kienu saru xi pagamenti ta' dawn it-toroq. Hawn qed jinhemżu kopji tal-invoices.

Dwar item 5.05: Il-Kunsillier Joe De Martino semma li wara l-aħħar sentenza għandha tiżdied il-frażi : u hu (is-Sindku) telaq il-barra."

**3.00 Approvazzjoni tal-Minuti (Ġimgħa 9 ta' Settembru 2011)**

Il-minuti tal-laqgħa tad-9 ta' Settembru ġew approvati kif moqrija għajr dawn il-korrezzjonijiet:

Dwar item 1.05: Fl-aħħar ta' l-item trid tiżdied is-sentenza: "Is-Sindku kien telaq il-barra waqt li l-kunsilliera l-oħra kellhom joqgħodu jistennew."

Dwar item 1.06: Fl-aħħar ta' l-item irid jiżdied : "Il-kunsilliera qablu li ma kienux se jitilqu qabel jiġi diskuss l-item dwar l-aġġudikazzjoni ta' l-offerti. Ġa kienu ilhom jistennew madwar sagħtejn."

Dwar item 3.03: Il-kunsillier is-Sur Joe De Martino qal l-l-aħħar żewġ sentenzi ta' din l-item għandhom jinqraw hekk: "Huwa kompla li l-Kunsill għandu jara li l-*patching* u t-toroq għandhom jiġu qabel l-*Iskate Park u n-Nuclear Shelter* fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta."

Dwar item 5.01: l-Aħħar sentenza ta' dan l-item għandha taqra: "Il-Kunsill irringrazzja lill-membri tal-bord.

## 4.00 Punti imqajjma mill-minuti (Tlieta 30 ta' Awwissu 2011)

Dwar item 4.09: Il-viċi sindku wriet il-ħsieb tagħha fejn qalet li min jiġbor l-iskart filgħaxija jista' jiġbru ukoll filgħodu. Hawn il-kunsillier is-Sur Joe De Martino staqsa li peress li t-tender kien diġa ħareġ jekk kienx jagħmel sens li jsir is-survey.

Is-Sur Joe De Martino reġa staqsa dwar x'kien ġara mill-għoti tat-tender tal-ġbir ta' l-iskart li kienet ġiet mirbuħa minn Northern Cleaning. Is-Sindku wieġeb li l-Avukat tal-Kunsill kien irrisponda li din kienet ġiet deċiża (a favur Northern Cleaning) mill-Qorti tal-Appell. Għaldaqstant is-Sindku qal li hu ma jsibx diffikulta' jekk is-survey ma jiġix attwat.

Dwar item 4.13: Is-Sur Joe De Martino staqsa x'kienet ir-risposta fejn l-Avukat tal-Kunsill kien kiteb fejn talab aktar spjegazzjoni fuq l-ammont ta' €62,987,00 dwar rimi ta' skart fi proprjeta amministrata minn Waste Serve Malta Ltd. Is-Sindku wieġeb li l-avukat tal-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta.

Dwar item 4.14: Dwar żibel mitfuħ madwar il-bring in sites fid-dawl li l-Avukat tal-Kunsill kien reġa qara x'jgħid il-kuntratt biex jistgħu jitneħħew il-bring in sites l-avukat wieġeb li l-Kunsill jista' jitlob biex jitneħħew xi *bring in sites*.

Dwar item 4.15: l-Avukat tal-Kunsill kien iċċekkja jekk l-insurance tal-Kunsill kenitx tagħmel tajjeb biex jitħallsu l-ispejjeż ta' ħsara li wieħed isofri fil-karrozza tiegħu minħabba ħofor fit-toroq, u sab li l-insurances tal-Kunsill ma tkoprix dawn l-ispejjeż . Għaldaqstant il-kontijiet pendenti jridu jitħallsu wara li jiġu sodisatti ċerta kundizzjonijiet

## 4.00 Punti imqajjma mill-minuti (Ġimgħa 9 ta' Settembru 2011)

Dwar item 3.01: Is-Sur Joe De Martino qal li z-zewġ Riżoluzzjonijiet għandhom jiġu attaċjati mal-minuti.

## 5.00 Materji Finanzjarji

**5.01** Dwar punt Nru 5 fl-Agenda "Materji Finanzjarji" il-Kunsill approva l-ammonti li dehru fuq l-invoices wara li dawn ġew rikonċiljati ma' l-ammont li jrid isir il-pagament fuqhom. Għaldaqstant l-ammont ta' €199,642.81 għandu jitħallas. Dawn il-pagamenti huma għall-perjodu 25 ta' Awwissu 2011 sa 11 ta' Ottubru 2011.

## 6.00 Tisbiħ tal-Mosta Health Centre

6.01 Is-Sindku ppropona li item 7 fl-Aġenda li jittratta dwar 'Tisbiħ tal-Mosta Health Centre jiġi diskuss qabel item 6, jiġifieri dak tal-Korrispondenza . Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

6.02 Is-Sur Edward Borg, Chief Executive, Primary Health Department ta rendikont tax-xogħol kollu li kellu jsir tat-tisbiħ u tkabbir tal-Polyclinic tal-Mosta. Huwa semma' li dan kellu jkun xogħol estensiv li għandu jieħu madwar erba' xhur.

Is-Sur Borg spjega li bħala parti mill-proġett kien ser jinfetaħ il-bieb li miċ-Ċentru tas-Saħħa jagħti għal ġot-taraġ li jiftaħ faċċata tal-ġnien wara l-knisja. Dan il-bieb għandu jintuża biss bħala ħruġ ta' emerġenza.

6.03 Ic-Chief Executive talab lill-Kunsill biex jikkunsidra l-proposta li bħala parti mill-proġett jitwaħħlu pannelli fotovoltajiċi u generator fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sur Borg kkonkluda li dan il-proġett qed ikun maħsub biex iservi ta' benefiċċju għan-nies tat-Tramuntana ta' Malta, speċjalment għar-residenti Mostin.

6.04 Il-Kunsillier Pawlu Agius irrimarka li wieħed għandu jara jekk il-generator fuq il-bejt ikunx jiflaħ it-toqol propost.

Il-Kunsillier Joe De Martino enfasizza l-fatt li l-ewwel sular għandu jibqa' miżmum nadif il-ħin kollu u dan għandu jkun fir-responsabbilita tal-Mosta Health Centre.

Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill għandu jipprovdi sitt *parking spaces* għan-nies li jġibu l-pazjenti meta jiġu l-polyclinic.

Il-Kunsillier il-Perit Chris Grech qal li t-taraġ eżistenti huwa wiesgħa biżżejjed biex minnu joħorġu żewġ turġien. Hekk il-Mosta Health Centre ikun jista jagħmel użu minn taraġ u l-Kunsill Lokali juża t-taraġ l-ieħor. B'hekk ikun assigurat li l-ħmieġ u l-mard ma jinxteridx . Il-perit qal li konxju ta' kemm għandna nibżgħu għall-ambjent huwa jaqbel li jsiru l-panelli fuq il-bejt.

Il-Kunsilliera Mario Sammut u Pawlu Agius enfasizzaw il-fatt li jekk issir xi ħsara waqt li jkun qed isir ix-xogħol hija r-responsabbilita' tal-Mosta Health Centre li jaraw li jagħmlu kull tiswija meħtieġa.

6.05 Il-Kunsill kollu qabel b'dan ix-xogħol estensiv u t-tisbiħ tal-Mosta Health Centre. Is-Segretarju għandu jinforma bil-miktub lil Mosta Health Centre bl-aċċettazjoni ta' dan ix-xogħol u jagħmilha ċara li **il-finanzjament ta' dan ix-xogħol propost isir kollu mill-Mosta Health Centre u jkun assigurat li l-post kollu jinżamm kontinwament nadif il-ħin kollu u dan ikun fir-responsabbilita' tal-Mosta Health Centre.**

## 7.00 Korrispondenza

7.01 Korrispondenza Nru 1: Inqrat il-korrispondenza li saret bejn il-Kunsill u d-Dipartiment dwar il-Latrini Pubbliċi.

7.02 Is-Sindku semma li l-latrini kienu qed ikunu kollha ħmieġ. Is-Sindku qal li llum hawn mezzi , fosthom id-DNA li jkun magħruf minn wettaq dawn l-atti. Hawn il-Kunsillier Pawlu Agius qam minn postu, resaq lejn il-kurċifiss, ħa ġurament u qal lis-Sindku li hu kien qallu inxoqqok b'sikkina u qallu li kien hemm il-mara tiegħu (tas-Sindku) ħdejh.

7.02 Korrispondenza Nru 2: Inqrat il-korrispondenza li saret bejn il-Kunsill u d-Dipartiment dwar il-mozzjoni KLM 18/2011 tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' l-Offerti. Inqrat ukoll id-deċiżjoni meħuda mid-Dipartiment favur l-istess mozzjoni. Id-deċiżjoni kienet tgħid : Il-Mozzjoni sottoċitata, fis-sitt skeda intitolata l-Ordnijiet Permanenti, preċiżament fl-artikolu 26 u 29(Paġna 128), il-liġi titfa' l-għażla tal-membri tal-kumitati u sotto-kumitati fuq il-Kunsill. Għaldaqstant, ma tillimitax kif għandhom jiġu magħżula l-membri tal-Kumitati u sotto-kumitati.

7.03 Korrispondenza Nru 3: Inqrat il-korrispondenza li għaddiet bejn it-Transport Malta u l-Project Design & Engineering Directorate tal-MRRA dwar twessieħ tal-bankina f'Main Street, Mosta, fi Pjazza Rotunda maġenb il-ħanut tal-pastizzi. Din it-talba biex titwessa l-bankina saret mis-Sur Ray Bonavia.

7.04 Saret diskussjoni dwar din it-talba . Kien hemm min tkellem kontra din it-talba dwar il-parking preżenti u ssemma il-fatt li kienu se jintilfu tliet *parking spaces* eżistenti . Ukoll ma kienx hemm garanzija dwar il-pavimentar li kellu jsir.

Favur din it-talba ssemma' il-fatt li minn fuq il-bankina kif inhi llum ma kienx jgħaddi wheelchair.

7.05 Saret votazzjoni dwar din it-talba. Ivvutaw favur il-kunsilliera is-Sindku, Mario Sammut, il-Perit Chris Grech u Marthese Mifsud . Kontra il-mozzjoni kienet it-tabiba Shirley Farrugia. Astjenew il-Kunsilliera Pawlu Agius , Nicola Fenech Adami u Joe De Martino.

Il-mozzjoni għaddiet b'erba voti favur u vot kontra. Ġie deċiż li kellha tintbagħat ittra ta' No Objection lil Transport Malta u l-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u Ambjent.

7.06 Korrispondenza Nru 4 . Inqrat ittra ta' ringrazzjament mibgħuta mill-Monsinjur Dun Joe Carabott tal-ħatra tiegħu bħala mistieden speċjali f'Jum il-Mosta.

7.07 Korrispondenza Nru 5: Inqrat ittra mibgħuta mill-Mro Victor Zammit dwar il-Ġieħ ta' unur mogħti lilu f'Ġieħ il-Mosta.

7.08 Korrispondenza Nru 6: Intbagħtet ittra lil Transport Malta biex tittieħed azzjoni.

7.09 Korrispondenza Nru 7: Intbagħtet ittra lis-Sindku Kunsill Lokali M' Scala.

7.10 Korrispondenza Nru 8: Intbagħtet ittra lis-Sur Tony Agius Decelis.

7.11 Korrispondenza Nru 9: Inkitbet ittra lil Transport Malta. Is-Sur Mario Delceppo ġie infurmat bl-azzjoni meħuda.

7.12 Korrispondenza Nru 10: Dan kien punt Nru ~~7~~ 6 fl-Agenda u l-proposta ġiet diskussa fid-dettal mill-Kunsilliera.

7.13 Korrispondenza Nru 11: Intbagħtet ittra lis-Sur Joseph Brincat ta' Nru 11, Triq il-Bilbla, Mosta fejn ġie infurmat li s-suġġerimenti tiegħu għandhom ikunu diskussi f'agenda waħda li tkun tittratta dwar iż-żona Ta' Mlit.

7.14 Korrispondenza Nru 12: Is-Sur Edward Privitera infurmat u mogħti tagħrif dwar kif għandu jwieġeb l-Avviż ta' Kontravenzjoni.

7.15 Korrispondenza Nru 13: Tkellimt ma' Ms Franica Pulis bit-telefon. Infurmata li dan il-każ qiegħed f'idejn l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija.

## 8.00 Aġġudikazzjoni ta' Offerti

8.01 Inqrat il-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-mozzjoni KLM 18/2011 dwar il-Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' l-Offerti.

8.02 Inqrat ukoll id-deċiżjoni meħuda mid-Dipartiment favur l-istess mozzjoni. Id-deċiżjoni kienet tgħid: "Il-mozzjoni sottoċitata, fis-Sitt Skeda intitolata L-Ordnijiet Permanenti ,,preċiżament fl-artikolu 26 u 29 (Paġna 128), il-liġi titfa' l-għażla tal-membri tal-kumitati u sotto-kumitati fuq il-Kunsill. Għaldaqstant, ma tillimitax kif għandhom jiġu magħżula l-membri tal-kumitati u sotto-kumitati.

8.03 Hawn il-kunsillier is-Sur Joe De Martino qal li issa l-mozzjoni kienet għaddiet u wieħed irid joqgħod għal din id-deċiżjoni. Is-Sindku it-tabib Paul Chetcuti Caruana qal li mhux se jaċċetta persuna li jpoġġi fuq il-kumitat miegħu u għaldaqstant ma kienx lest li jpoġġi fuq dan il-bord miegħu.

8.04 Hawn is-Segretarju wara li qara dan ir-ruling tad-Dipartiment qal li issa d-deċiżjoni kienet ċara u għandna nagħtu bidu biex jibda jitwaqqaf dan il-kumitat.

8.05 Il-kunsilliera għandhom jintalbu mis-Segretarju biex jinnominaw żewġ membri f'isem il-Partit Nazzjonalista, żewġ membri f'isem il-Partit Laburista u membru f'isem l-Indipendenti.

## 9.00 Latrini tal-Mosta

9.01 Inqrat il-korrispondenza li saret bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Latrini Pubbliċi.

9.02 Is-Sur Silvio Frendo , Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fis-6 ta' Ottubru 2011 kien informa lill-Kunsill li minħabba l-igenie u l-urġenza tal-każ, il-Kunsill jista' jmexxi bid-direct order b'mod temporanju sakemm tiġi solvuta il-problema tal-aġġudikazzjoni.

9.03 Miltub mill-kunsillier is-Sur Paul Agius biex jgħid kif kienet qed titħallas is-Sinjura Frances Vella tax-xogħol li kienet qed tagħmel bil-ftuħ u manutenzjoni tal-latrini is-segretarju wieġeb li l-ħlas dovut approvat mid-Dipartiment kien ta' €5 fis-siegħa.

## 10.00 Survey Xjentifiku dwar Tibdil fil-ħinijiet tal-ġbir ta' skart

10.01 Is-Segretarju ta informazzjoni dwar il-korrispondenza li kienet għaddiet bejn il-Professur Anton Buhagiar u l-Kunsilll Lokali tal-Mosta biex jista' jinħadem is-survey xjentifiku dwar il-bdil tal-ħin ta' l-iskart.

10.02 Il-kunsilliera intalbu biex sa nhar it-Tlieta jibgħatu l-kummenti tagħhom dwar is-survey b'mod xjentifiku dwar il-ġbir tal-iskart.

10.03 Il-Viċi Sindku wriet il-fehma tagħha fejn qalet li min jiġbor l-iskart filgħaxija jista' jiġbru wkoll filgħodu.

Hawn il-kunsillier is-Sur Joe Demartino staqsa li peress li t-tender kien diġa ħareġ jekk kienx jagħmel sens li jsir is-survey.

## 11.00 Affarijiet Oħra

Ma ġiet diskussa l-ebda materja.

## 12.00 Aġġornament

Il-Laqgħa spiċċat fl-10.00 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv